# Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam



MIRŻA TAHIR AĦMAD[RH]

# *Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# Some Distinctive Features of Islam

*Hazrat Mirza Tahir Ahmad, Khalifatul-Masih IV[rh]*

**In Maltese Language**

**Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam**

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] (1928-2003)
Ir-Raba' Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as]

© Islam International Publications Ltd.

L-Ewwel Pubblikazzjoni bil-Malti (2013)

Traduzzjoni u Editjar minn

Laiq Ahmed Atif u Karl Coleiro

Pubblikazzjoni ta'

**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

**Mob:** +356-79320139 • **Tel:** +356-27342401
**Tel:** +356-21322105 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

## WERREJ


*Dwar l-Awtur*......................................................................5

*Daħla*......................................................................7

L-Ebda Monopolju tal-Verità......................................................................12

Reliġjon Universali......................................................................14

Differenzi fost ir-Reliġjonijiet - Ir-Realtà tagħhom...............15

Reliġjon Eterna......................................................................17

Il-Ħarsien tal-Koran Imqaddes..............................................18

Reliġjon Kompleta......................................................................20

Żakat kontra l-Interessi......................................................................21

Direzzjonijiet f'Oqsma Politiċi..............................................22

Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ġustizzja..........................................25

Xi Distinzjonijiet Oħra......................................................................30

Reliġjon ta' Paċi......................................................................35

Il-Moviment Aħmadija......................................................................34

*Nota tal-Pubblikatur*......................................................................37

*Referenzi*......................................................................38

# Dwar l-Awtur

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] (1928-2003), Alla jkollu ħniena bla tmiem mir-ruħ tiegħu, bniedem ta' Alla, Leħen artikulat ta' żmienu, oratur mill-aqwa, studjuż mill-ifjen u b'intelliġenza fenominali, kittieb versatili u prolifiku, studjuż mirqum tax-xebh bejn ir-reliġjonijiet, maħbub u segwit b'devozzjoni minn miljuni ta' Musulmani Aħmadin segwaċi tiegħu madwar id-dinja bħala l-Imam tagħhom, il-kap spiritwali, ir-raba' suċċessur ta' Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (il- Messija Imwiegħed u Maħdi[as]), għal liema uffiċċju maestuż kien maħtur bħala Kalifatul Masiħ fl-1982.

Wara l-promulgazzjoni tal-Ġeneral Zia-ul-Haq, li ħareġ l-Ordinanza anti-Aħmadija tas-26 ta' April 1984, huwa kellu jitlaq minn pajjiżu, il-Pakistan, u jemigra lejn l-Ingilterra minn fejn vara MTA li kellu u għadu jxandar il-programmi tiegħu 24 siegħa kuljum mal-erba' naħat tad-dinja.

Barra li kien mexxej reliġjuż, kien tabib omeopatiku ta' fama mondjali, poeta ta' talent għoli u bniedem sportiv.

Irċieva l-edukazzjoni tiegħu ġewwa Kadjan, l-Indja, u iktar tard ġewwa l-Kulleġġ tal-Gvern, f'Lahore, il-Pakistan, u wara li ggradwa bl-unuri mill-Università Aħmadija ta' Rabwah fil-Pakistan, kiseb lawrja bl-unuri fl-Għarbi mill-Università ta' Punġab, f'Lahore. Mill-

1955 sal-1957 studja fl-Iskola għall-Istudji Afrikani u Orjentali, fl-Università ta' Londra.

Kellu għarfien profond u ispirat b'mod divin tal-Koran Imqaddes li huwa qaleb għall-Urdu. Irreveda parzjalment u żied noti għat-traduzzjoni Ingliża tal-Koran Imqaddes ta' Ħażrat Maulawi Sher Ali[ra]. *Revelation, Rationality, Knowledge and Truth* huwa bla dubju l-aqwa xogħol tiegħu.

Għalkemm bla ebda edukazzjoni formali fil-filosofija u x-xjenza, kellu inklinazzjoni mentali għall-filosofija u ttratta l-iktar mistoqsijiet teoloġiċi-filosofiċi diffiċli b'dehen u faċilità kbira u l-approwċ intellettwali tiegħu kien dejjem razzjonali u xjentifiku. Għal wieħed sekular kellu għarfien profond tax-xjenza tal-għaġeb, partikolarment tax-xjenzi tal-ħajja li kienu jattirawh l-iktar. Kellu wkoll għarfien profond tal-psikoloġija umana. Huwa kellu moħħ analitiku tal-ogħla intelliġenza – intellett jilma bl-akutezza, kapaċi jħoll b'faċilità problemi mill-iktar diffiċli, waqt li jħalli lil dawk li jisimgħuh imsaħħra.

# Daħla

***'Xi Karatteristiċi Distinti Tal-Iżlam'*** kien lekċer mogħtija minn Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], Kalifatul Masiħ IV, fl-Università ta' Canberra, l-Awstralja. Ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fir-Renju Unit fl-1985 u wara fl-1987, fl-1989, fl-1992 u fl-1995 rispettivament. Erba' edizzjonijiet oħra kienu ppubblikati ġewwa r-Renju Unit. Issa qed tiġi ppubblikata mill-ġdid.

Il-kelliem isejjes il-lekċer tiegħu fuq it-teżi li l-iktar xejra distintiva tal-Iżlam għandha żewġ aspetti: l-ewwel, hija r-reliġjon waħdanija li tiddikjara li hi, u hi, ir-reliġjon eterna, universali, u aħħarija għal kull żmien u poplu; it-tieni, hi l-unika reliġjon li tagħraf, u tagħti xhieda tal-awtentiċità tar-reliġjonijiet l-oħra u tinsisti li l-verità mhix monopolju biss tal-Iżlam – filwaqt li r-reliġjonijiet l-oħra kollha jistqarru li l-verità Divina hi tagħhom biss. Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] jgħaddi biex iwieġeb fit-tul kif jeżistu d-differenzi bejn ir-reliġjonijiet meta dawn huma kollha minn Alla. Barra minn hekk ipoġġi l-argument li t-tagħlim Iżlamiku mhuwiex biss universali u etern iżda wkoll sħiħ, komprensiv u perfett, u li l-Koran Imqaddes huwa l-kelma invarjabbli u finali ta' Alla ħielsa minn kull interpolazzjoni umana; u l-Profeta tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] huwa s-Siġill tal-Profeti u l-aqwa fosthom u l-mudell perfett tal-eċċellenza għall-bnedmin.

Fil-parti ċentrali tal-lekċer jiddiskuti sbatax-il xejra tal-Iżlam li jagħżluh fost reliġjonijiet u ideoloġiji oħra inkluż il-kunċett Iżlamiku tal-ġustizzja u t-tagħlim Iżlamiku dwar il-forma u l-funzjoni tal-gvern.

Fl-aħħar il-kelliem jintroduċi 'l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija u 'l-Komunità Aħmadija nnifisha lill-udjenza tiegħu bl-għeluq tal-lekċer ikun jikkonsisti fil-qari ta' silta meħuda mill-kitbiet tal-Messija Mwiegħed[as].

Mirża Anas Aħmad
M.A. M.Litt (Oxon)
Wakilul Isha'at
Rabwah

# *Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam*

أَشْهَدُ أَنْ لَّا إِلٰهَ إِلَّا اللّٰهُ وَحْدَهُ لَا شَرِيكَ لَهُ وَ

أَشْهَدُ أَنَّ مُحَمَّدًا عَبْدُهُ وَ رَسُولُهُ

أَمَّا بَعْدُ فَأَعُوذُ بِاللّٰهِ مِنَ الشَّيْطٰنِ الرَّجِيمِ

بِسْمِ اللّٰهِ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيمِ ۝١

اَلْحَمْدُ لِلّٰهِ رَبِّ الْعٰلَمِينَ ۝٢ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيمِ ۝٣

مٰلِكِ يَوْمِ الدِّينِ ۝٤

إِيَّاكَ نَعْبُدُ وَإِيَّاكَ نَسْتَعِينُ ۝٥

إِهْدِنَا الصِّرَاطَ الْمُسْتَقِيمَ ۝٦

صِرَاطَ الَّذِينَ أَنْعَمْتَ عَلَيْهِمْ

غَيْرِ الْمَغْضُوبِ عَلَيْهِمْ وَلَا الضَّالِّينَ ۝٧ *

**WARAN-NARRAZZJONI TRADIZZJONALI** u n-narrazzjoni tas-Surah Al-Fatiha (il-kapitlu tal-ftuħ tal-Koran Imqaddes), il-Kap tal-Komunità Aħmadija kompla hekk:

---

* Nagħti xhieda li m'hemmx alla ħlief Alla, il-Waħdieni, u nagħti xhieda li Muħammad huwa l-qaddej u l-messaġġier Tiegħu. Wara nfittex refuġju f'Alla minn Satana, il-miċħud. F'isem Alla, kollu Grazzja u Ħniena. Kull tifħir jappartjeni għal Alla, is-Sid tal-Univers kollu, kollu Grazzja u Ħniena, is-Sid ta' Jum il-Ġudizzju. Lilek biss inqimu u għall-għajnuna Lilek biss nitolbu bil-ħerqa. Mexxina fil-mogħdija tas-sewwa – il-mogħdija ta' dawk li fuqhom Inti tajt il-barkiet Tiegħek, dawk li ma ġibdux fuqhom id-dispjaċir Tiegħek, u dawk li ma tilfux triqatek. [Pubblikatur]

# L-Ebda Monopolju tal-Verità

Meta wieħed jitkellem fuq il-karatteristiċi distintivi tal-Iżlam, l-ewwel u l-iktar karatteristika li tolqtok hi d-dikjarazzjoni ta' ċaħda li l-Iżlam għandu xi monopolju tal-verità, u li ma kienx hemm reliġjonijiet oħra vera. L-Iżlam lanqas għandu l-pretensjoni li l-Għarab biss huma r-riċevituri tal-imħabba ta' Alla. L-Iżlam hu l-unika reliġjon li tiċħad kompletament in-nozzjoni li l-verità hi l-monopolju ta' fidi, razza jew poplu wieħed; minflok tipprofessa li l-gwida Divina hi tjieba ġenerali li sostniet 'l-umanità tul iż-żminijiet kollha. Il-Koran Imqaddes jgħidilna li m'hemmx razza jew poplu li ma ġewx imbierka bit-tjieba tal-gwida Divina, u la hemm reġjun fid-dinja jew grupp ta' nies li ma ngħatawx Profeti u Messaġġiera ta' Alla.[1]

Għall-kuntrarju ta' din l-idea Iżlamika ta' Alla li jiffavorixxi 'l-popli kollha tad-dinja, jolqotna l-fatt li l-ebda Ktieb tar-reliġjonijiet l-oħra ma jivverifika jew biss isemmi l-possibiltà li popli jew nazzjonijiet oħra rċevew id-dawl jew il-gwida minn Alla f'xi stadju tal-istorja tagħhom. Fil-fatt, il-validità ta' reliġjon lokali jew reġjonali ta' sikwit hi enfasizzata tant, u l-verità ta' reliġjonijiet oħra injorata tant, li wieħed ma jridx wisq biex jaħseb li x-xemx tal-verità telgħet u niżlet biss fuq l-orizzonti limitati ta' ċerti nies bir-riżultat li l-kumplament tad-dinja, biex ngħidu hekk, spiċċaw abbandunati u kkundannati għad-dlam etern. Ngħidu aħna, il-Bibbja tippreżenta biss lil Alla ta' Iżrael, u ripetutament tgħid:

> Imqaddes is-Sid, Alla ta' Iżrael.[2]

Lanqas b'mod indirett ma tivverifika l-verità ta' rivelazzjonijiet

reliġjużi mgħoddija fuq artijiet u popli oħra. B'dal-mod, it-twemmin tal-Lhud li l-Profeti kollha Iżraeliti kienu mibgħuta biss lit-tribujiet ta' Iżrael taqbel b'mod sħiħ mal-iskop u l-messaġġ tal-Bibbja. Ġesù[as] wkoll iddikjara li l-miġja tiegħu kienet intiża biss għall-gwida tat-tribujiet tal-Ebrej, u qal, jien mibgħut biss għan-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael[3], u widdeb id-dixxipli tiegħu fil-kliem: 'Tagħtix 'il-klieb dak li hu sagru, u twaddabx il-ġawhar tiegħek quddiem il-qżieqeż'.[4]

Bl-istess mod, il-Ħinduwiżmu jindirizza l-kotba tiegħu lil dawk biss ta' twelid nobbli. Jintqal, 'Jekk xi ħadd ta' twelid baxx jisma' b'kumbinazzjoni vers mill-Veda, ir-Re għandu jsoddlu widnejh bix-xema' u ċ-ċomb. F'każ li jlissen parti mill-iskrittura, ilsienu għandu jinqatagħlu barra; u f'każ li jirnexxilu jaqra l-Veda, ġismu għandu jitqatta' bil-goff f'biċċiet żgħar.'[5]

Anke jekk ma nagħtux kas ta' inġunzjonijiet daqshekk drastiċi, jew noffru xi spjegazzjoni inqas severa għalihom, jibqa' l-fatt li l-kotba mqaddsa ta' diversi twemmin differenti ma jirreferux, lanqas b'mod indirett, għall-verità ta' reliġjonijiet ta' artijiet u popli oħra. Il-mistoqsija bażika li toħroġ minn dan hi illi li kieku dawn ir-reliġjonijiet kollha kienu fil-fatt veri, x'kien l-iskop li l-kunċett ta' Alla hu ppreżentat b'mod daqshekk magħluq u limitat? Il-Koran Imqaddes joffri soluzzjoni immedjata għal din is-sitwazzjoni imbarazzanti. Hu jgħid illi saħansitra qabel ir-rivelazzjoni tal-Koran Imqaddes u l-miġja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], messaġġiera divini kienu diġà ntbagħtu lil kull nazzjon u ma' kull parti tad-dinja, iżda l-influwenza tagħhom kienet reġjonali u l-kompitu tagħhom temporanju. Dan għaliex iċ-ċiviltà umana kienet għadha ma laħqitx stadju ta' żvilupp tali li timmerita t-tħaddim ta' messaġġier universali, b'messaġġ universali.

# Reliġjon Universali

L-ewwel paġna nfisha tal-Koran Imqaddes tfaħħar lis-Sid li Hu s-Sostenitur tad-dinjiet kollha, u l-aħħar passaġġ iħeġġiġna biex nitolbu lil Sid l-umanità. B'dal-mod, kemm l-ewwel kif ukoll l-aħħar kelmiet tal-Koran Imqaddes jippreżentaw il-kunċett ta' univers sħiħ, u mhux sempliċement dak ta' Alla tal-Għarab jew tal-Musulmani. Fis-sewwa, ħadd qabel il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam ma sejjaħ lill-umanità kollha, u l-ebda ktieb qabel il-Koran Imqaddes ma indirizza d-dinja kollha. L-ewwel dikjarazzjoni bħal din saret favur il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam f'dawn il-kelmiet:

> *U Aħna bgħatniek bħala messaġġier ta' aħbarijiet ferrieħa u widdieb għall-bnedmin kollha, iżda ħafna bnedmin ma jafux mod ieħor.*[6]

U mbagħad:

> *Għid, 'O bnedmin! Tabilħaqq jien messaġġier tagħkom ilkoll.'*[7]

U meta l-Koran Imqaddes jirreferi għalih innifsu bħala *messaġġ għal kull dinja*[8], iżomm lilu nnifsu bħala gwida li magħha jintrabtu l-iżvilupp u l-progress tal-bniedem.

Kemm-il darba saret referenza għall-Koran Imqaddes bħala l-Verifikatur ta' Kotba oħra u l-Musulmani huma mwissija biex jemmnu fil-Profeti[as] l-oħra kollha bl-istess mod ta' kif jemmnu fil-Profeta[sa] tagħhom. Fit-twemmin tagħna, huwa pprojbit li wieħed jagħmel distinzjoni bejniethom, iktar u iktar li wieħed jemmen f'xi wħud u mhux f'oħrajn. Il-Koran Imqaddes jgħid:

*Kollha (kemm aħna) nemmnu f'Alla, u fl-Anġli Tiegħu, u fil-Kotba Tiegħu, u fil-Messaġġiera tiegħu.*[9]

Ma tkunx idea ħażina jekk wieħed jifli sew jekk l-universalità hijiex fiha nfisha karatteristika ta' min wieħed jixtieqha, u għaliex l-Iżlam jagħmel tant enfasi fuqha. Minn mindu l-Iżlam ġab il-messaġġ tal-unità tal-bnedmin, il-mixja lejn unità bħal din baqgħet iżżid fil-pass f'kull sfera. Eżempju ta' dan fi żmienna nsibuh fit-twaqqif ta' korpi u federazzjonijiet internazzjonali differenti. Tabilħaqq, dawn mhumiex għajr miri tul il-mixja twila u mserrpa għall-għaqda bejn il-bnedmin kollha. Għalhekk, il-bżonn profond li jħoss il-bniedem ċivilizzat tal-lum kien diġà indirizzat bit-tixrid taż-żerriegħa (tas-sisien) tas-soluzzjoni fil-messaġġ tal-Iżlam 1400 sena ilu. Illum, naturalment, l-iżvilupp mgħaġġel fit-trasport u l-komunikazzjoni ta mbuttatura ġdida lill-mixja lejn l-għaqda bejn il-popli u n-nazzjonijiet.

# Differenzi u Kontradizzjonijiet bejn Twemmin Differenti – Ir-Realtà Tagħhom

Mistoqsija li tqum: jekk ir-reliġjonijiet huma tabilħaqq imwaqqfa mill-Messaġġiera[as] ta' Alla, għaliex jeżistu d-differenzi bejniethom? Jista' l-istess Alla jibgħat messaġġi differenti?

Din il-mistoqsija jweġibha l-Iżlam biss, u din hi wkoll xejra distintiva ta' din ir-reliġjon. L-Iżlam jgħid li hemm żewġ raġunijiet għad-differenzi bejn ir-reliġjonijiet. L-ewwel li kondizzjonijiet differenti wasslu biex ikun hemm regoli u ordnijiet li jvarjaw filwaqt li Alla l-iktar għaref u li jaf kollox ta gwida għal żminijiet, reġjuni u popli differenti skont il-ħtiġijiet rispettivi. It-tieni, il-

kontenut ta' twemmin differenti sfuma u dbiel mal-mixja taż-żmien; għalhekk ma nżammx fil-forma oriġinali. Kien hemm ċirkostanzi fejn is-segwaċi nnifishom introduċew innovazzjonijiet u varjazzjonijiet biex jaqdu ħtiġijiet ġodda, u għalhekk il-Kotba rivelati baqgħu bil-bidliet u ż-żidiet. Ovvjament, adulterazzjoni bħal din tal-Messaġġ Divin kienet titlob gwida mill-ġdid mis-sors oriġinali. Kif qal Alla fil-Koran Imqaddes:

> *Huma ħassru l-kliem mit-tifsira tagħhom u nsew parti sew mill-eżortazzjoni tagħhom.*[10]

Jekk niflu sew l-istorja tad-differenzi bejn twemmin differenti fid-dawl tal-prinċipji ppronunzjati mill-Koran Imqaddes, insibu li d-differenzi tendenzjalment jonqsu iktar ma noqorbu lejn is-sors innifsu. Ngħidu aħna, jekk il-paragun bejn il-Kristjaneżmu u l-Iżlam ikun ristrett biss għall-ħajja ta' Ġesù[as] u l-erba' Vanġeli fil-Bibbja, tabilħaqq id-differenzi bejn it-tagħlim tal-Bibbja u l-Koran Imqaddes ikunu żgħar ħafna. Iżda iktar ma mmorru lura fiż-żmien, il-qabża f'dawn id-differenzi tikber dejjem iktar sakemm l-għaqda bejn iż-żewġ pożizzjonijiet ma tibqax iktar possibbli – u dan kollu riżultat tal-isforz tal-bniedem biex jirrevedi dak li kien rivelat oriġinalment. L-istorja ta' twemmin ieħor tikxef l-istess realtà bażika – insibu konferma soda tal-idea Koranika li d-direzzjoni tar-reviżjonijiet u l-bidliet umani tal-Messaġġ Divin minn dejjem imxiet mill-qima ta' Alla wieħed għal dik ta' diversi allat, mir-realtà għall-finzjoni u mill-umanità għad-deifikazzjoni tal-umanità tal-bniedem.

Il-Koran Imqaddes jgħidilna li l-aħjar mod kif wieħed jagħraf l-awtentiċità ta' reliġjon, minkejja l-mutilazzjonijiet sussegwenti, huwa billi wieħed jifli l-għeruq tar-reliġjon. Jekk l-għeruq jikxfu tagħlim dwar l-unità ta' Alla, il-qima lil ħadd ħlief Alla wieħed, u

simpatija ġenwina lejn l-umanità kollha, b'hekk reliġjon bħal din, minkejja l-bidliet suċċessivi, trid tiġi aċċettata bħala awtentika. Il-fundaturi ta' reliġjon li jissodisfaw dawn il-kriterji kienu individwi tabilħaqq ġusti u qaddisa, u Messaġġiera vera mibgħuta minn Alla biex iservu minfloku u li bejniethom m'għandha ssir l-ebda distinzjoni u li fihom wieħed irid jemmen bis-sħiħ. Huma jħaddnu xejriet fundamentali komuni minkejja d-differenzi ta' spazju u ħin. Hekk jispjega l-Koran Imqaddes:

وَمَآ أُمِرُوٓا إِلَّا لِيَعْبُدُوا اللّٰهَ مُخْلِصِيْنَ
لَهُ الدِّيْنَ ۙ حُنَفَآءَ وَ يُقِيْمُوا الصَّلٰوةَ
وَيُؤْتُوا الزَّكٰوةَ وَذٰلِكَ دِيْنُ الْقَيِّمَةِ ۝

*U huma ma kellhomx l-amar ħlief biex jaqdu lil Alla, ikunu sinċiera Lejh bl-ubbidjenza, u jkunu onesti, u josservaw it-Talb, u jħallsu ż-Żakat. U dik hija r-reliġjon tal-poplu tas-sewwa.*[11]

# Reliġjon Eterna

Xejra distintiva oħra tal-Iżlam hi li mhux biss jipproklama l-karattru universali tiegħu, iżda jsostni wkoll li l-messaġġ hu etern u wara jkompli billi jissodisfa l-prekondizzjonijiet għal din l-istqarrija. Ngħidu aħna, messaġġ jista' jkun etern biss jekk ikun sħiħ u perfett f'kull aspett, u garantit fil-konfront tal-varjetà tal-kontenut tiegħu. Fi kliem ieħor, il-Kotba rivelati tiegħu għandu jkollhom il-garanzija divina kontra t-tbagħbis u r-reviżjoni tal-bniedem. Fir-rigward tat-tagħlim tal-Koran Imqaddes, is-Setgħani nnifsu jafferma:

اَلْيَوْمَ أَكْمَلْتُ لَكُمْ دِينَكُمْ وَأَتْمَمْتُ عَلَيْكُمْ نِعْمَتِي وَرَضِيتُ
لَكُمُ الْإِسْلَامَ دِينًا

*Illum ipperfezzjonajtilkom it-twemmin tagħkom b'kull mod, u li mlejt it-tjieba Tiegħi fikom, u għażilt l-Iżlam bħala r-reliġjon tagħkom.*[12]

# Il-Ħarsien tal-Koran Imqaddes

Kif għedt diġà, biex it-tagħlim ikun etern, mhuwiex sempliċement biżżejjed li jkun sħiħ u perfett, iżda jrid ikun hemm garanzija għall-ħarsien perpetwu tal-forma oriġinali. Il-Koran Imqaddes jissodisfa ampjament dan ir-rekwiżit fundamentali, u l-Wieħed li bagħat il-Koran Imqaddes ipproklama dan bl-iktar mod ċar meta qal:

إِنَّا نَحْنُ نَزَّلْنَا الذِّكْرَ وَإِنَّا لَهُ لَحَافِظُونَ ۝

*Aħna bgħattna dan il-Ktieb u fis-sew sejrin inħarsuh.*[13]

Fi kliem ieħor, Alla nnifsu sejjer iħarsu u qatt mhu se jippermetti li jiġi alterat. Metodu għall-preservazzjoni tat-test kien proprju dak li, bi qbil mar-Rieda Divina, minn dejjem kien hemm mijiet ta' eluf ta' persuni li mmemorizzaw it-test tal-Koran Imqaddes, u din il-prattika għadha għaddejja sal-lum. Barra minn hekk, il-miżura prinċipali wara l-ħarsien ta' qofol il-messaġġ kienet proprju l-prattika tal-ħatra ta' gwidi, riformaturi u, iktar tard matul iż-żmien, ta' nies li jagħtu l-ħajja mill-ġdid. Dawn jinħatru bħala mexxejja spiritwali mis-Setgħani nnifsu u taħt il-gwida Divina

jirrisolvu d-differenzi u l-kontroversji fost is-segwaċi tal-Iżlam. B'dal-mod ikunu qed iħarsu l-ispirtu vera tal-Koran Imqaddes.

Bla dubju, hemm il-mistoqsija: l-affermazzjoni Koranika rigward il-preservazzjoni tiegħu hi sostnuta wkoll permezz ta' evidenza kollaborattiva u kredibbli?

Indikazzjoni tat-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab fil-fatt li jeżistu numru kbir ta' riċerkaturi mhux Musulmani li, minkejja huma x'inhuma, ma rnexxilhomx jippruvaw li t-testi tal-Koran Imqaddes ġie b'xi mod mibdul, imqar kemxejn, wara l-mewt tal-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam. Fil-fatt, hemm ħafna riċerkaturi mhux Musulmani li wara r-riċerki estensivi tagħhom ħassew li kellhom jaffermaw fil-beraħ li tabilħaqq il-Koran Imqaddes kien imħares u nżamm fil-forma oriġinali tiegħu. Bħala eżempju, fix-xogħol tiegħu, *'The Life of Muhammad'*, Sir William Muir jgħid:

> Nistgħu, bl-ikbar suppożizzjoni, naffermaw li kull vers huwa l-kompożizzjoni inalterata u awtentika ta' Muħammad innifsu.[14]
>
> Ukoll, hemm inkella kull evidenza, interna u esterna, li nippossedu t-testi kif ippreżentati u użati minn Muħammad innifsu.[15]

Noldeke jgħid:

> Żbalji klerikali żgħar seta' kien hemm, iżda l-Koran Imqaddes ta' Usman jiġbor fih xejn ħlief elementi ġenwini, għalkemm f'xi waqtiet f'ordni stramba ħafna. L-isforzi tal-istudjużi Ewropej biex jiġu ppruvati interpolazzjonijiet li

seħħew iktar tard fil-Koran Imqaddes ma wasslu mkien.[16]

# Reliġjon Kompleta

Fejn tidħol l-affermazzjoni singulari u distintiva li t-tagħlim tal-Koran Imqaddes huwa sħiħ u perfett u fis-setgħa sħiħa li jiggwida l-umanità f'kull żmien, dan ukoll huwa vera u huwa sostnut kompletament mir-raġuni. Mhuwiex possibbli li f'qasir żmien nitkellem dwar dan is-suġġett fit-tul u rrid nillimita ruħi għal xi referenzi qosra ta' xi prinċipji ewlenin u eżempji illustrattivi. L-ewwel irridu naraw kif l-Iżlam jirnexxilu jilħaq l-isfidi ta' żminijiet li dejjem jinbidlu biex b'hekk ireġġa' 'l quddiem il-ħtieġa ta' xi reviżjoni fit-tagħlim tiegħu. Hi tabilħaqq interessanti l-gwida prattika li joffri l-Iżlam f'dan ir-rigward u minnha se nagħti eżempju verament żgħir:

- L-Iżlam joffri biss prinċipji fundamentali u joqgħod lura milli jistipula dettalji li jkollhom jinbidlu biex jagħmlu tajjeb għal żminijiet u sitwazzjonijiet li dejjem jinbidlu.

- L-Iżlam jaf sew l-evoluzzjoni intellettwali, soċjali u politika tal-bniedem, u t-tagħlim tiegħu jaqdi kull sitwazzjoni possibbli. Mhux biss jagħraf il-fatt li jseħħ żvilupp kontinwu bejn in-nazzjonijiet, iżda wkoll li l-bnedmin ivarjaw bejniethom f'dak li hu żvilupp personali fi żmien partikolari. Bħala eżempju, hu possibbli li partijiet mid-dinja għadhom abitati min-nies ta' Żmien il-Ħaġar, u xi gruppi jew tribujiet għadhom elf sena warajna anke jekk ngħixu fl-istess żmien. L-istat politiku, soċjali u intellettwali tagħhom jappartjeni għaż-żminijiet

l-imgħoddija. Konvint li kollha kemm aħna naqblu li tkun l-ikbar ħmerija li kieku kellna nimponu ideoloġiji politiċi moderni fuq id-dixxendenti oriġinali tal-Awstralja, jew il-pigmej tal-Kongo.

- L-Iżlam hi reliġjon li tikkonforma man-natura umana u taqdi l-bżonnijiet kollha tal-bniedem. L-ebda bidla fit-tagħlim tagħha mhi neċessarja sakemm ma jkunx hemm bidla fundamentali fin-natura umana, prospettiva li nistgħu neskludu immedjatament.

Dawn kienu xi aspetti tal-prinċipji tat-tagħlim Iżlamiku. Issa sejjer niddiskutihom ftit ieħor biex is-sottomissjoni tiegħi tkun tista' tinftiehem ftit aħjar.

# Żakat kontra l-Interessi

L-Iżlam jikkundanna l-istituzzjoni tal-interessi fil-forom kollha tagħha u jinsisti bis-saħħa għall-eliminazzjoni totali tagħha. Biex imexxi r-rota ekonomika, il-forza li jippreżenta minflok l-interessi jgħidulha *Żakat*.

Bla dubju, fil-ħin għad-dispożizzjoni tiegħi ma nistax nittratta dan is-suġġett fid-dettall, u sejjer, għalhekk, ngħid erba' kelmiet fuq il-metodoloġija użata mill-Koran Imqaddes biex jippreżenta l-qofol tat-tagħlim tiegħu f'dan il-qasam daqshekk importanti.

Iż-Żakat hi sistema biex tintaxxa l-kapital maħluq mis-sinjuri. Barra li tilħaq it-talbiet tal-Istat, din it-taxxa hi intiża biex tilħaq il-bżonnijiet tal-foqra. Fi kliem ieħor, din is-sistema mhux biss tissodisfa l-ħtiġijiet tal-mekkaniżmu tal-gvern, iżda

tiggarantixxi wkoll l-esiġenzi tal-istat assistenzjali. Kulma sar hu li tqiegħdu l-prinċipji bażiċi biex iktar 'il quddiem ħaddieħor ikun jista' jistabbilixxi d-dettalji skont il-ħtiġijiet mitluba mill-kondizzjonijiet prevalenti dak iż-żmien.

Il-Koran Imqaddes jgħid li fil-ġid ta' dawk li għandhom iktar mill-bżonnijiet bażiċi, hemm is-sehem ta' dawk li ma jistgħux ileħħqu ma' dawn il-bżonnijiet u huma meqjusa, fl-ambjent tagħhom, bħala foqra. Bla dubju, dan jistabbilixxi li kull individwu għandu dritt għal ċertu neċessitajiet bażiċi tal-ħajja pprovduti lilu f'kull pajjiż u soċjetà. Dawk mgħobbija bir-responsabiltà biex jilqgħu din l-obbligazzjoni huma dawk li jippossedu iktar mill-bżonnijiet bażiċi. Għalhekk għandu jkun l-Istat li jiddeċiedi l-*modus operandi* biex tiġi żgurata sistema onesta, ġusta u ekwa li tilħaq b'mod adekwat l-iskop li għaliha saret.

# Direzzjonijiet f'Oqsma Politiċi

Il-mistoqsija internazzjonali l-oħra li qed inħabbtu wiċċna magħha llum tittratta l-għażla tat-tip ta' gvern skont ir-reġjun jew pajjiż. Hawn ukoll, il-prinċipji tal-Iżlam huma rilevanti, bis-sustanza u flessibbli ħafna, u l-verità u l-prattiċità tagħhom huma evidenti mill-ewwel. Ħadd ma jista' jinnega li tip ta' gvern jista' jitqies bħala addattat jew le meta applikat biss għal sett wieħed ta' kondizzjonijiet, u jkun żball jekk wieħed jimmaġina li sistema politika partikolari tista' taqdi dejjem il-bżonnijiet tan-nies kollha ta' kull żmien.

Għalhekk l-Iżlam ma jispeċifikax gvern partikolari. La jippreżenta

forma demokratika jew soċjalista, u lanqas jirrakkomanda sistema rjali jew dittatorjali. Minflok jiftaħ fuq il-metodi tat-twaqqif tal-gvernijiet, l-Iżlam jipproponi sistema speċifika ta' kif għandu jitmexxa x-xogħol politiku u governattiv u jimponi l-kondizzjoni li, ikunu kif ikunu l-affarijiet, ir-responsabiltajiet tal-gvern għandhom dejjem jitwettqu b'ġustizzja, onestà u simpatija; billi jitħarsu dejjem id-drittijiet bażiċi tal-bniedem. B'dal-mod, minflok jenfasizza l-ewwel parti tad-definizzjoni popolari tad-demokrazija, jiġifieri gvern mill-poplu, l-Iżlam jenfasizza li jkun xi jkun il-gvern, il-gvern irid ikun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-poplu. Għalhekk meta d-demokrazija tissemma' fost il-forom l-oħra ta' gvern, l-enfasi prinċipali trid tkun fuq il-kwalità tagħha. Importanti li din ma tkunx demokrazija vojta u dawk li jagħżlu l-mexxejja għandhom ikunu persuni kompetenti u motivati biex jagħżlu biss lil dawk li huma tabilħaqq kapaċi għal dan ix-xogħol. Dan hu prerekwiżit tal-Koran Imqaddes għal kull ħatra fl-uffiċċju:

إِنَّ اللّٰهَ يَأْمُرُكُمْ أَنْ تُؤَدُّوا الْأَمٰنٰتِ إِلٰٓى
أَهْلِهَا ۙ وَإِذَا حَكَمْتُمْ بَيْنَ النَّاسِ أَنْ
تَحْكُمُوْا بِالْعَدْلِ ؕ

*Tabilħaqq, Alla jamar li għandkom tagħtu l-fiduċja tagħkom lil dawk li jimmeritawha, u meta tiġġudikaw lil xulxin, tagħmlu dan b'ġustizzja.*[17]

Għalhekk, jingħażel liema gvern jingħażel, hu jrid jiggverna b'ġustizzja, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni ta' razza, kulur jew twemmin.

Issa se niġbor fil-qosor ir-regoli li joħorġu mit-tagħlim fundamentali tal-Koran Imqaddes fejn jidħlu s-sistemi possibbli ta' gvern:

- Kull gvern huwa fid-dmir li jipproteġi l-unur, il-ħajja u l-proprjetà taċ-ċittadini tiegħu.[18]
- Ħakkiem għandu dejjem jaġixxi b'ġustizzja, kemm ma' individwi kif ukoll bejn il-popli.[19]
- Kwistjonijiet nazzjonali għandhom jiġu riżolti b'konsultazzjoni.[20]
- Il-gvern għandu jara li jipprovdi l-ħtiġijiet bażiċi lil kull persuna: fi kliem ieħor, jipprovdilha l-ikel, il-ħwejjeġ u saqaf fuq rasha.[21]
- In-nies għandhom jingħataw ambjent kalm u sigur fejn jgħixu u l-ħajja, il-proprjetà u l-unur tagħhom għandhom jiġu protetti.[22]
- Is-sistema ekonomika għandha tkun ekwa u regolata.[23]
- Il-kura tas-saħħa għandha tkun organizzata.[24]
- Għandha tipprevali b'mod sħiħ il-libertà reliġjuża.[25]
- Poplu mirbuħ għandu jkun ittrattat b'ġustizzja.[26]
- Il-priġunieri tal-gwerra għandhom ikunu ttrattati b'kompassjoni.[27]
- It-trattati u kull ftehim milħuq għandhom dejjem ikunu onorati.[28]

- Qbil inġust m'għandux ikun impost fuq id-dgħajjef.[29]
- Il-Musulmani huma obbligati jobdu lil min hu fl-awtorità. L-unika oġġezzjoni għal din ir-regola huwa f'każ li l-gvern sfaċċatament jopponi u jipprojbixxi t-twettiq tad-dmirijiet u l-obbligi reliġjużi.[30]
- F'każi ta' differenzi mal-ħakkiem, dawn iridu jiġu maħlula fid-dawl tal-prinċipji ppronunzjati fil-Koran Imqaddes u mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Fl-ebda każ m'għandu wieħed jitmexxa minn motivi egoistiċi.[31]
- In-nies huma ordnati jassistu l-awtoritajiet billi jsostnu skemi li għandhom l-għan jippromwovu l-benesseri u l-assistenza soċjali. In-nies huma pprojbiti milli jwaqqfu l-hekk imsejħa movimenti non-koperattivi.[32]
- Bl-istess mod, il-gvernijiet huma obbligati jassistu inizjattivi bi skop ta' benefiċenza, kemm jekk individwali kif ukoll kollettivi u m'għandhomx jostakolawhom.
- Pajjiż b'saħħtu huwa pprojbit minn kull forma ta' aggressjoni kontra pajjiż ieħor. L-użu ta' armi hu permess biss f'każ ta' difiża personali.[33]

# Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ġustizzja

Sejjer nirreferi issa għal xi prinċipji Iżlamiċi li forsi jeħtieġu aċċenn partikolari fid-dinja tal-lum. L-ewwel punt jintrabat mat-tagħlim Iżlamiku fejn jidħlu l-ekwità u l-ġustizzja. Reliġjonijiet oħra ma jagħtux direzzjoni sħiħa fejn jidħlu l-amministrazzjoni

tal-ġustizzja u l-*fair play*, u anke meta jagħmlu hekk, dan isir b'mod ftit li xejn applikabbli għalina llum. Fil-fatt, partijiet minn dawn id-direzzjonijiet jidhru li huma inkompatibbli għall-intellett u s-sensibilitajiet tal-lum. Wieħed ma jistax ma jikkonkludix li dan it-tagħlim jew maż-żmien spiċċa mibdul jew kien intiż biss għall-applikazzjoni lokali jew temporanja. Billi l-Ġudaiżmu jippreżenta 'l Alla bħala Alla ta' Iżrael, bl-esklużjoni ta' kulħadd, mhux ta' b'xejn mela li lanqas jagħmel l-inqas referenza għall-mistoqsija fundamentali li tirrigwarda d-Drittijiet tal-Bniedem bħala tali.

Min-naħa tiegħu, il-Ħinduwiżmu jidher mill-ewwel ostili mhux biss lejn dawk kollha li mhumiex Ħindu iżda wkoll lejn il-Ħindu ta' klassi baxxa, biex b'hekk ikompli jdejjaq iżjed iċ-ċirku tal-ħniena ta' Alla għal sezzjoni dejjem iżgħar tar-razza umana. Il-Ħinduwiżmu ddigrieta:

> Jekk Braħmin ma jkunx f'pożizzjoni li jrodd lura s-self lil wieħed minn kasta baxxa, l-ieħor m'għandux dritt li jitlob li s-self jingħatalu lura. Iżda jekk wieħed minn kasta baxxa ma jkunx f'pożizzjoni li jrodd lura s-self minn Braħmin, hu għandu jitqabbad jaħdem bħala lavrant għall-Braħmins sakemm ikun jista' jħallas is-somma totali tas-self tiegħu.[34]

L-istess, fil-Ġudaiżmu ma jirnexxilniex insibu l-kunċett tal-ġustizzja fil-konfront tal-għedewwa. Jintqal li:

> U meta sidek Alla tiegħek jagħtihom f'idejk, u int tegħlibhom: għandek teqridhom kompletament: m'għandek tagħmel l-ebda patt magħhom.[35]

Bħala paragun sejjer issa nagħti ftit eżempji tat-tagħlim Iżlamiku fl-istess oqsma. Il-Koran Imqaddes jamar, u se nikkwota:

- U meta tgħaddi ġudizzju bejn in-nies, kun ġust u onest.[36]
- Kun rett meta tosserva l-ġustizzja, u kun xhud għal Alla, saħansitra fil-konfront tiegħek innifsek, tal-ġenituri u ta' niesek.[37]
- U tħallix il-mibegħda tan-nies tinċitak biex ma taġixxix b'ġustizzja. Kun dejjem ġust, jiġifieri favur is-sewwa.[38]
- U ssielet fil-mogħdijiet ta' Alla fil-konfront ta' dawk li jissieltu kontra tiegħek iżda ara li ma tiksirx liġijiet. Ċertament, Alla ma jħobbx lil dawk li ma jimxux mar-regoli.[39]
- U jekk jinklinaw lejn il-paċi, inklina lejha int ukoll.[40]

L-eżempju l-ieħor li xtaqt insemmi mit-tagħlim etern tal-Iżlam hu dak li jikkonċerna t-tpattija u l-maħfra. Meta nqabblu t-tagħlim tal-Iżlam f'din l-isfera mat-tagħlim ta' reliġjonijiet oħra, nintlaqtu mill-ewwel minn din l-inġunzjoni tat-Testment l-Antik:

> Għajnek m'għandhiex turi ħniena: għandha tkun ħajja għal ħajja, għajn għal għajn, sinna għal sinna, id għal id, sieq għal sieq.[41]

Indubjament, enfasi bħal din fuq it-tpattija mhux biss tissorprendi iżda wkoll issewwed il-qalb. Minkejja dan, m'iniex nagħti dawn l-eżempji biex nikkastiga tagħlim ieħor, iżda biex nuri li meta murija fid-dawl tal-prinċipji Koraniċi, saħansitra miżuri daqshekk drastiċi jistgħu f'xi waqtiet ikunu ġustifikati. Il-Koran Imqaddes,

b'dal-mod, jgħinna nsegwu t-tagħlim konflinġenti ta' reliġjonijiet oħra fi spirtu ta' simpatija u aċċettazzjoni. Din ukoll hi xejra esklussiva tal-Iżlam. Skont il-Koran Imqaddes, it-tpattija sħiħa kienet permessa biss biex tagħmel tajjeb għall-bżonnijiet speċifiċi ta' perjodu partikolari. Din kienet neċessarja biex tqawwi l-qlub tal-Iżraeliti biex bis-saħħa ta' hekk dawn ikunu jistgħu jqumu għad-drittijiet tagħhom wara li kienu ilhom is-snin imjassra u vittimizzati. B'riżultat ta' dan, huma saru beżżiegħa u żviluppaw kumpless profond ta' inferjorità. Naturalment, f'sitwazzjoni bħal din*, dan kien iwassal lill-Iżraeliti biex jgħoddsu iktar fil-ħama u dan ma kienx jagħtihom il-kunfidenza u l-kuraġġ biex ikissru l-ktajjen li kienu qed ixekkluhom. Għalhekk, dan it-tagħlim kien sewwa u f'waqtu fis-sitwazzjoni u kien tabilħaqq mogħti minn Alla li jaf kollox.

Mill-banda l-oħra, meta nħarsu lejn it-Testment il-Ġdid, naraw li, bil-maqlub tal-Iskrittura preċedenti, dan jenfasizza l-maħfra sal-punt li ċċaħħad kompletament lill-Iżraeliti milli jieħdu xi forma ta' vendetta. Ir-raġuni vera għal dan hi li, bit-tħaddim tat-tagħlim preċedenti, fuq medda twila ta' żmien, l-Iżraeliti saru qalbhom iebsa u feroċi u l-uniku rimedju għal dan kien jinsab fis-sospensjoni tad-dritt tagħhom għall-vendetta. Kien għalhekk li Ġesù[as] widdibhom:

> Smajtu li kien intqal, 'għajn għal għajn u sinna għal sinna', iżda jien ngħidilkom teħduhiex ma' min hu ħażin. Jekk xi ħadd jagħtikom daqqa fuq ħaddkom il-leminija, agħtuh ħaddkom ix-xellugija, u jekk xi ħadd jużakom u jeħdilkom l-għata, agħtuh il-mantar ukoll.[42]

* It-tagħlim li jirrigwarda l-maħfra. (Pubblikatur)

L-Iżlam jemmen li dan it-tagħlim oppost hu kumplimentari b'kull wieħed marbut mal-kundizzjonijiet u s-sitwazzjoni prevalenti ta' dak iż-żmien, u bl-ebda wieħed, għalhekk, mhu f'qagħda li jgħaddi bħala universali jew etern. Dan ġara għar-raġuni li l-bniedem kien għadu għaddej minn fażijiet bikrija ta' żvilupp u kien għadu ma sarx komunità waħda li fuqha setgħet tkun imposta liġi finali u universali. Aħna nemmnu li l-Iżlam hu dik il-liġi finali u jippreżenta tagħlim li mhux ikkundizzjonat miż-żmien jew l-ispazju. Prova ta' dan toħroġ kompletament fit-tagħlim dwar dan is-suġġett. Il-Koran Imqaddes jgħid:

وَجَزٰٓؤُا سَيِّئَةٍ سَيِّئَةٌ مِّثۡلُهَا ۚ فَمَنۡ عَفَا
وَاَصۡلَحَ فَاَجۡرُهٗ عَلَى اللّٰهِ ؕ اِنَّهٗ لَا يُحِبُّ
الظّٰلِمِيۡنَ ۝

*Ftakar li l-kumpens għal xi ħsara hi t-twettiq tal-istess ħsara; iżda dak li jaħfer u b'dak iġib bidla, għandu premju minn Alla. Bla dubju, Alla ma jħobbx lil dawk li jagħmlu l-ħażin.*[43]

L-Iżlam b'hekk jgħaqqad flimkien l-aħjar xejriet taż-żewġ reliġjonijiet bikrija; biż-żieda vitali li l-maħfra hi mħeġġa kemm-il darba din tista' ġġib titjib f'min ikun qed jiżbalja, b'dan tal-aħħar ikun l-għan prinċipali. Jekk le, il-kastig jitqies bħala neċessarju sakemm ma jeċċedix il-ħażen li jkun twettaq. Ċertament, din il-gwida hi kompletament kompatibbli man-natura umana u hi prattikabbli llum daqskemm kienet erbatax-il seklu ilu.

# Xi Distinzjonijiet Oħra

Is-suġġett li jirrigwarda l-karatteristiċi distinti tal-Iżlam hu wieħed vast ħafna, u hawn stajt insemmi biss ftit aspetti li għażilt għal din il-preżentazzjoni. Il-ħin jippermetti biss ħarsa ħafifa lejn xi aspetti oħra li ma xtaqtx inħalli barra:

- L-Iżlam iħares lejn Alla bħala l-Ħallieq tal-univers u jippreżenta l-Unità Tiegħu f'termini sempliċi li jolqtuk, li jinftiehmu faċilment u li jappellaw kemm għar-rustiku kif ukoll għall-intellettwali. L-Iżlam jirreferi għal Alla bħala Esseri Perfett, is-sors ta' kull Eċċellenza u ħieles minn kull tebgħa. Huwa Alla ħaj li jimmanifesta ruħu kullimkien, iħobb il-kreazzjoni Tiegħu u jisma' s-supplikazzjonijiet tal-bnedmin. Għalhekk huwa jikkomunika mal-umanità u m'għalaqx it-toroq dejqa li jwasslu għal għandu direttament.
- L-Iżlam jemmen li m'hemmx kontradizzjoni bejn il-kelma ta' Alla u l-għemejjel Tiegħu. B'dal-mod ninħelsu mir-rivalità tradizzjonali bejn ix-xjenza u r-reliġjon u b'hekk il-bniedem m'għandux għalfejn imur lil hinn mil-liġi tan-natura maħluqa minn Alla nnifsu. Huwa jħeġġiġna biex naħsbu sew fuq in-natura u biex nutilizzawha sew, għax kollox kien maħluq għall-beneficċju tal-bniedem.
- L-Iżlam ma jagħmilx stqarrijiet fiergħa u lanqas iġegħelna nemmnu dak li ma nifhmux. It-tagħlim tiegħu hu msejjes fuq ir-raġuni u dan jissodisfa kemm l-intellett kif ukoll ir-ruħ.
- L-Iżlam mhux imsejjes fuq il-ħrejjef jew il-folklor. Hu jistieden lil kulħadd biex jesperimenta għalih innifsu u jemmen li l-verità tista' dejjem tiġi ppruvata b'xi mod jew ieħor.

- Il-Ktieb rivelat tal-Iżlam huwa uniku u dan jagħżel lill-Iżlam mir-reliġjonijiet l-oħra. Minkejja l-isforzi kollettivi tagħhom matul is-sekli, l-avversarji tiegħu ma rnexxilhomx jirreplikaw imqar biċċa żgħira minnu. Il-mertu tiegħu ma jinsabx biss fl-eċċellenza letterarja, iżda wkoll fis-sempliċità u l-komprensività tat-tagħlim tiegħu. Il-Koran Imqaddes jipproklama li hu l-aħjar tagħlim – affermazzjoni magħmula biss minnu.

- Il-Koran Imqaddes jafferma li silet l-aħjar xejriet mill-iskritturi preċedenti u li fi ħdanu tqiegħed tagħlim dejjiemi u komprensiv. Il-Koran Imqaddes jgħid:

  *Hawn ġew wieħed isib kmandamenti dejjiema.*[44]

  *U tabilħaqq dan hu dak li ġie mgħallem fl-Iskritturi li ġew qabel – l-Iskritturi ta' Abraham u Mosè.*[45]

- Karatteristika distintiva tal-Iżlam hi dik li l-Ktieb rivelat inkiteb b'lingwa ħajja. Mhux kurjuż il-fatt li l-lingwi kollha li bihom inkitbu l-Kotba rivelati l-oħra huma jew mejta jew m'għadhomx fl-użu ġenerali? Jidher li ktieb ħaj kellu jinkiteb b'lingwa ħajja li ma tmut qatt.

- Distinzjoni oħra tal-Iżlam hi li l-Profeta[sa] tiegħu għadda minn kull stadju immaġinabbli tal-esperjenza umana. Beda bi tfulija fqira bħala orfni u spiċċa mexxej mhux ikkontestat tal-poplu tiegħu. Il-ħajja tiegħu ġiet dokumentata sal-inqas dettall u tirrifletti fidi liema bħalha f'Alla. Huwa għex ħajja sħiħa mimlija taqlib u azzjoni u ħalla warajh eżempju ta' kondotta perfetta f'kull sfera tal-ħajja umana. Dan hu xieraq u f'waqtu għax hu kien interpretazzjoni ħajja tal-Koran Imqaddes u bl-eżempju personali tiegħu dawwal it-triq tal-umanità għaż-

żminijiet kollha li għad iridu jiġu – rwol mhux milħuq sew mill-ebda Profeta ieħor.

- Distinzjoni oħra tal-Iżlam huma l-ħafna profeziji tiegħu li ġew imwettqa matul iż-żmien u li saħħew il-fidi tas-segwaċi tiegħu fl-eżistenza ta' Alla ħaj li jaf kollox. Dan il-proċess għadu għaddej sa issa kif evidenzjat bl-iskoperta riċenti tal-katavru priservat tal-Faragħuni li ħareġ lil Mosè[as] u l-poplu tiegħu mill-Eġittu. Eżempju ieħor riċenti tal-profezija Koranika hu dwar l-iżvilupp ta' mezz ġdid ta' distruzzjoni, fejn in-nar jinġabar f'partikuli żgħar ħafna li jibdew jiġġeddu u jiċċaqalqu b'mod vigoruż sakemm jisplodu b'qawwa tant kbira li l-muntanji jispiċċaw biex jevaporaw.
- Karatteristika oħra tal-Iżlam hi dik li titkellem dwar il-ħajja wara l-mewt. L-Iżlam jipprofetizza ġrajjiet futuri ta' din id-dinja li t-twettiq tagħhom isaħħaħ it-twemmin tas-segwaċi tiegħu fil-ħajja wara l-mewt.
- L-Iżlam hu distint minn twemmin ieħor għax jipprovdi kodiċi ta' kondotta komprensiva fejn jidħlu negozjati individwali, kollettivi u internazzjonali. Dawn id-direzzjonijiet iħaddnu fihom kull sitwazzjoni immaġinabbli u jinkludu r-relazzjonijiet bejn iż-żgħar u x-xjuħ, il-ħaddiem u min jimpjega, il-membri tal-familja, il-ħbieb u s-sieħba, kif ukoll bejn l-avversarji. Ir-regoli u l-prinċipji pproklamati huma universali tassew u diġà rnexxielhom jegħlbu t-test taż-żmien.
- L-Iżlam jipproklama ugwaljanza sħiħa bejn il-bnedmin, irrispettivament mid-differenzi ta' kasta, kredu u kulur. L-uniku kriterju li jaċċetta hu dak tas-sewwa u mhux dak relatat mat-twelid, ir-razza, il-flus jew il-kulur. Il-Koran Imqaddes jgħid:

إِنَّ أَكْرَمَكُمْ عِندَ ٱللَّهِ أَتْقَىٰكُمْ

*Tabilħaqq, f'għajnejn Alla, l-iktar onorabbli hu dak li hu l-iktar tajjeb fostkom.* [46]

U mill-ġdid:

وَمَنْ عَمِلَ صَٰلِحًا مِّن ذَكَرٍ أَوْ أُنثَىٰ وَهُوَ
مُؤْمِنٌ فَأُو۟لَٰٓئِكَ يَدْخُلُونَ ٱلْجَنَّةَ يُرْزَقُونَ
فِيهَا بِغَيْرِ حِسَابٍ ﴿٤٠﴾

*Min jagħmel it-tajjeb, kemm jekk raġel kif ukoll mara, u jemmen – dan jidħol fil-Ġnien; hu jirċievi bir-radam.* [47]

- L-Iżlam jippreżenta definizzjoni tat-tajjeb u l-ħażin li tiddistingwih mir-reliġjonijiet l-oħra. L-Iżlam ma jħarisx lejn ix-xewqat tal-bniedem bħala ħżiena. Hu jgħallem li l-inklinazzjonijiet naturali tagħna għandhom ikunu regolati u ffukati b'mod kostruttiv u ta' benefiċċju għas-soċjetà.
- L-Iżlam m'għamilhiex possibbli biss għan-nisa biex ikunu ereditarji tal-proprjetà, iżda tahom ukoll drittijiet ugwali bħall-irġiel b'tali mod li x-xejriet distintivi tal-anatomija tagħhom, flimkien mar-responsabiltajiet li għandhom fit-trobbija tat-tfal, ikunu rispettati.

# Reliġjon ta' Paċi

Fl-aħħar nagħti lil dawk kollha li qed ifittxu l-paċi l-aħbar tajba li l-Iżlam biss hi r-reliġjon li tiggarantixxi l-paċi fl-isferi u l-livelli kollha: individwali, soċjali, ekonomiċi, nazzjonali u sopranaturali. L-Iżlam biss għandu isem li t-tifsira litterali tiegħu hi 'Paċi', u min isir Musulman, mhux biss jidħol f'post tal-kenn iżda jiggarantixxi dan il-post lil ħaddieħor filwaqt li jagħti dahru lil dak kollu li jista' jwassal għall-inġustizzji u l-interruzzjonijiet. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal li l-Musulman hu dak li l-kliem u l-għemejjel tiegħu ma jagħmlux ħsara lill-oħrajn.[48] L-indirizz importanti tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], mogħti qabel il-mewt tiegħu u wara l-wirja li saret magħrufa bħala l-Pellegrinaġġ tat-Tluq, hu Statut ta' Paċi etern għall-bnedmin kollha. L-Iżlam iħeġġeġ il-paċi mhux biss bejn il-bnedmin infushom iżda wkoll bejn il-bnedmin u l-Kreatur tagħhom. B'dan il-mod mhux biss bnedmin oħra ma jibqgħux imweġġgħin mill-kelma u l-għemil tal-Musulman, iżda hu wkoll jibqa' meħlus mill-korla u ċ-ċensura ta' Alla li huma dak li wieħed ikun jimmeritah għat-trasgressjonijiet tiegħu. B'hekk tinkiseb il-paċi Musulmana f'din id-dinja u f'dik ta' wara.

Meta mħares min-nazzjonijiet tad-dinja, it-tagħlim Iżlamiku kapaċi jsalva n-nies mit-tbatija u d-distruzzjoni. L-Iżlam hu twemmin ħaj u jistqarr li kapaċi jqiegħed ir-relazzjoni bejn il-bniedem u Alla fuq l-istess livell ta' żmien qabel. L-Iżlam ma jqisx ir-rivelazzjoni u l-komunjoni ma' Alla bħala xi ħaġa tal-passat. Jemmen li l-mogħdijiet li jwasslu għall-beatitudni spiritwali mterrqa minn Noah[as], Abraham[as], Mosè[as], Ġesù[as] u, fuq kollox, il-Profeta[sa] tal-Iżlam, għadhom miftuħa għal dawk li jixxennqu għall-komunjoni mill-qrib ma' Alla.

# Il-Moviment Aħmadija

Fl-Iżlam, il-Moviment Aħmadija jemmen li dawn il-wegħdiet twettqu fl-era tagħna fil-persuna tal-fundatur tiegħu Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] li twieled fl-1835 f'villaġġ remot f'Kadjan (Qadian) l-Indja. Hu ngħata l-possibbiltà mill-ħniena Divina biex jimxi fil-mogħdija tat-tajjeb u l-qdusija, u filwaqt li segwa mill-qrib it-tagħlim tal-Iżlam, tqaddes permezz ta' komunjoni intima mas-Setgħani. Huwa rċieva r-revelazzjoni Divina (li ffurmat parti wkoll mill-ħafna profeziji tiegħu) li kompliet tissodisfa saħansitra wara mewtu.

Bi qbil mad-direzzjoni Divina huwa waqqaf il-Moviment Aħmadija fis-sena 1889, u, waqt li ħalla warajh Komunità dedikata u vibranti ta' dixxipli li tgħodd il-mijiet tal-eluf, hu ħalla din id-dinja fl-1908. Il-missjoni tiegħu tkompli, u l-Komunità baqgħet titmexxa minn suċċessuri eletti.

Meta kien qed jiddeskrivi l-missjoni tiegħu, il-fundatur tal-Moviment tagħna qal:

> Intbgħatt biex nipprova li l-Iżlam biss hi reliġjon ħajja. U kont mogħni b'setgħat spiritwali li jirrendu lil dawk ta' reliġjonijiet oħra inkapaċi kif ukoll lil dawk fostna li spiritwalment huma għomja. Nista' nuri lil dawk kollha li jopponuh li l-Koran Imqaddes hu miraklu fit-tagħlim, fl-għerf imdawwal, fl-intwizzjoni profonda u delikata, u fl-elokwenza perfetta tiegħu. Jissupera l-mirakli ta' Mosè[as], u dawk ta' Ġesù[as] b'mitt darba.[49]

Ikompli jgħid:

> Jien id-dawl fid-dlamijiet ta' din l-era. Dak li jsegwini jkun salvat mill-bjar u l-gandotti mħaffra mix-xitan biex fihom jaqgħu dawk miexja fid-dlam. Hu bagħatni biex inkun nista' mmexxi d-dinja b'ġentilezza u bil-paċi lejn Alla Wieħed u Veru u nistabbilixxi mill-ġdid l-eċċellenzi morali tal-Iżlam. Ingħatajt sinjali tas-sema biex naqdi lil dawk li jfittxu l-verità.[50]

Nagħlaq l-indirizz tiegħi bi kwotazzjoni oħra mill-kitba tal-fundatur tal-Moviment Aħmadija - sejħa lill-umanità kollha:

> Il-mera li tippermettilek tara lill-Esseri l-Għoli, hi l-komunjoni Tiegħu mal-bniedem... Ħalli 'l dak li qalbu tixxennaq għall-verità jqum u jfittex. Ngħidilkom bl-ikbar onestà li jekk ir-ruħ tfittex b'sinċerità u l-qalb ikollha għatx veru għall-verità, il-bniedem għandu jfittex l-aħjar metodu u l-aħjar mogħdija. Iżda kif tista' din tinfetaħ u dan il-velu jinkixef? Nassigura lill-fittiexa kollha li l-Iżlam biss jagħti l-aħbar sabiħa ta' din il-mogħdija, għax l-oħrajn ilhom li għamlu siġill mar-rivelazzjoni ta' Alla. Iżda, nassigurakom li Alla m'għamilx dan is-siġill: din hi sempliċement skuża maħluqa mill-bniedem fid-deprivazzjoni tiegħu.
>
> Tabilħaqq, għax mhux possibbli li wieħed jara mingħajr għajnejn u jisma' mingħajr widnejn, bl-istess mod eżatt, huwa impossibbli li wieħed jara l-wiċċ tal-Maħbub mingħajr l-għajnuna tal-Koran Imqaddes. Jien kont żagħżugħ u issa xjaħt u għadni ma ltqajt ma' ħadd li xorob mill-aqwa eliżir spiritwali ħlief minn din in-nixxiegħa mqaddsa.[51]

M'hemmx dubju, din it-talba hi messaġġ li jagħti l-ħajja lil kull ruħ li tfittex il-verità ġenwina.

# NOTA TAL-PUBBLIKATUR

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam,* li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam,* li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**ra** *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum*, li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

# REFERENZI


1. Il-Koran Imqaddes, 35:25.
2. Il-ktieb tal-Ġrajjiet, 16:36.
3. Samwel, 25:32.
4. Mattew, 15:21-25.
5. Gotama Smriti:12.
6. Il-Koran Imqaddes, 34:29.
7. Il-Koran Imqaddes, 7:159.
8. Il-Koran Imqaddes, 81:28.
9. Il-Koran Imqaddes, 2:286.
10. Il-Koran Imqaddes, 5:14.
11. Il-Koran Imqaddes, 98:6.
12. Il-Koran Imqaddes, 5:4.
13. Il-Koran Imqaddes, 15:10.
14. P.XXVIII.
15. P.XXVII.
16. Enc.Brit.9 Edizzjoni taħt l-isem: il-Koran Imqaddes.
17. Il-Koran Imqaddes, 4:59.
18. Tabilħaqq, Alla jamar li tagħtu l-fiduċja lil min jimmeritah ... Il-Koran Imqaddes, 4:59.
19. ... U meta tgħaddi ġudizzju bejn il-bnedmin agħmel dan b'ġustizzja. Il-Koran Imqaddes, 4:59.
20. U dak li l-ħwejjeġ tiegħu jiġu deċiżi b'kunsens bejn kulħadd. Il-Koran Imqaddes, 42:39.
21. Kien deċiż lilek li la jaqbdek il-ġuħ fiżiku u lanqas tkun għarwien. U int la jaqbdek l-għatx fiżiku u lanqas tkun espost għax-xemx. Il-Koran Imqaddes, 20:119-120.
22. U meta jkollu l-awtorità jiġri mal-art kollha joħloq id-diżordni, jeqred il-ħsad u wild il-bniedem; u Alla ma jġerragħx id-diżordni. Il-Koran Imqaddes, 2:206.
23. Ara l-Koran Imqaddes, 16:91.
24. Il-Koran Imqaddes, 6:143.
    Il-Koran Imqaddes, 2:169.

Ara l-Koran Imqaddes, 16:91.
25. M'hemmx obbligazzjoni fir-reliġjon. Il-Koran Imqaddes, 2:257.
26. U tħallix il-mibegħda tan-nies tinċitak biex ma ġġibx ruħek b'ġustizzja. Kun dejjem ġust, jiġifieri eqreb tal-verità. Il-Koran Imqaddes, 5:9.
27. Ma jixraqx Profeta li jkollu l-priġunieri qabel ma jiġġieled regolarment. Il-Koran Imqaddes, 8:68. U wara jew jilliberahom b'favur jew jitlob kumpens – sakemm il-gwerra terħi mit-tbatijiet tagħha. Din hi l-ordinanza. Il-Koran Imqaddes, 47:5.
28. Ara l-Koran Imqaddes, 16:92.
29. Ara l-Koran Imqaddes, 16:93.
30. Obdi 'l Alla, u obdi 'l-Messaġġier Tiegħu u dawk fostkom li huma fl-awtorità. Il-Koran Imqaddes, 4:60.
31. U f'dak li ma taqblux bejnietkom, irreferu lil Alla u l-Messaġġier Tiegħu. Il-Koran Imqaddes, 4:60.
32. U għinu 'l xulxin fit-tjieba u l-qdusija; iżda mhux fid-dnub u t-trasgressjoni. Il-Koran Imqaddes, 5:3.
33. U tistrapazzax għajnejk wara dak li tajna lil xi wħud biex igawdu għal xi żmien. Il-Koran Imqaddes, 20:132.
34. Manu Smriti: 10:35.
35. Dewtoronomju, 7:2.
36. Il-Koran Imqaddes, 4:59.
37. Il-Koran Imqaddes, 4:136.
38. Il-Koran Imqaddes, 5:9.
39. Il-Koran Imqaddes, 2:191.
40. Il-Koran Imqaddes, 8:62.
41. Eżodu, 21:24.
42. Mattew, 5:35-45.
43. Il-Koran Imqaddes, 42:41.
44. Il-Koran Imqaddes, 98:4.
45. Il-Koran Imqaddes, 87:19-20.
46. Il-Koran Imqaddes, 49:14.
47. Il-Koran Imqaddes, 40:41
48. *Bukhari – Kitabul Iman*.
49. *Anjam-i-Atham, Ruhani Khaza'in* Vol.11. pp. 345, 346.
50. *Masih Hindustan Mein, Ruhani Khaza'in* Vol.15 p.13.
51. Il-Filosofija tat-Tagħlim tal-Iżlam, *Ruhani Khaza'in* Vol.10 pp.442-443.

*'Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam'* kien lekċer mogħtija minn Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], Kalifatul Masiħ IV, fl-Università ta' Canberra, l-Awstralja.

Il-kelliem isejjes il-lekċer tiegħu fuq it-teżi li l-iktar xejra distintiva tal-Iżlam għandha żewġ aspetti: l-ewwel, hija r-reliġjon waħdanija li tiddikjara li hi, u hi, ir-reliġjon eterna, universali, u aħħarija għal kull żmien u poplu; it-tieni, hi l-unika reliġjon li tagħraf, u tagħti xhieda tal-awtentiċità tar-reliġjonijiet l-oħra u tinsisti li l-verità mhix monopolju biss tal-Iżlam – filwaqt li r-reliġjonijiet l-oħra kollha jistqarru li l-verità Divina hi tagħhom biss.

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] jgħaddi biex iwieġeb fit-tul kif jeżistu d-differenzi bejn ir-reliġjonijiet meta dawn huma kollha minn Alla.

Fil-parti ċentrali tal-lekċer jiddiskuti sbatax-il xejra tal-Iżlam li jagħżluh fost reliġjonijiet u ideoloġiji oħra inkluż il-kunċett Iżlamiku tal-ġustizzja u t-tagħlim Iżlamiku dwar il-forma u l-funzjoni tal-gvern.

Imħabba għal Kulħadd - Mibegħda għal Ħadd

**Lealtà - Ugwaljanza - Ħelsien - Rispett - Paċi**

*This is a Maltese translation of the book*
***"SOME DISTINCTIVE FEATURES OF ISLAM"***
*by Hazrat Mirza Tahir Ahmad, Khalifatul-Masih IV [rh]*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
Mob: +356-79320139 Tel: +356-27342401
Tel: +356-21322105 Fax: +356-27322105

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org